# Il-Vjaġġi u l-Mużika fl-"Għar ta' l-Enimmi"

PETER SERRACINO INGLOTT

L-ewwel poeżija fl-ewwel ktieb ta' Achille Mizzi hija innu lill-ewlenijiet, ċelebrazzjoni tal-Bidu ta' kull bidu, imma fuq kollox tal-Bidunett.

Lil Achille Mizzi nistgħu nsejħulu, fost ħafna ħwejjeġ oħra, il-poeta ta' l-eżordji u ta' l-aperturi, tal-prinċipji u tal-prologi, ta' l-introduzzjonijiet u l-inizjazzjonijiet, tal-preamboli u tal-preludji, tat-tnissil u tat-tnixxigħat, ta' l-elementi u tar-rudimenti. U jiena ma stajtx naħseb f'bidu għal dan id-diskors qasir dwar awtur li jagħti daqstant importanza lill-bidu ħlief din l-ispeċi ta' litanija ta' sinonomi li kollha jfissru, bejn wieħed u ieħor, bidu, u li ddoqq fil-widna qisha xi skongura.

Ma deherlix li stajt nibda billi ngħid xi ħaġa dwar il-bniedem Achille Mizzi. Mhux tant għax ma nafux, daqskemm għax għalija hemm differenza kbira bejn il-bniedem u l-poeta—jew aħjar bejn Achille Mizzi tad-demm u l-laħam u l-persuna li fil-poeżija ta' Achille Mizzi titkellem u tgħid "Jien".

Niftakar fl-1967—24 sena illu—il-mument meta jiena għall-ewwel darba ħarist lejn il-qoxra ta' l-*Għar ta' l-Enimmi (1967)*, dik il-qoxra li fuqha hemm ritratt mitfi ta' raġel għadu żagħżugħ, b'xeħta kważi ta' membru tal-Mużew. Qlibtha, qbiżt (biex naqrah wara) l-istudju tal-Professur Ġużè Aquilina; u qrajt *Dawl*. Minn quddiem għajnejja għebet għal kollox ix-xbiha ta' l-impjegat tal-Gvern li l-fatizzi tiegħu rajthom għall-ewwel darba bħal dell fuq il-kopertina. Minflok, bdew jilmaw xbihat oħra. *Rajt* sewwieq isuq fuq żiemel tan-nar maħrub, b'xuxtu maħlula, kavallier jimraħ fuq mirkeb il-kelma, f'xgħari tar-ruħ mhux magħrufa. U *smajtu* jlissen xi mindaqqiet xewqat ġewwenin ivenvnu lid-demm fil-vini, bħal daqqa fuq il-platti meta ddoqq il-banda fil-pjazza; xi mindaqqiet ħsibijiet xewwiexa jxewku bħal-*pizzicato* tal-vjolini...

*Il-Vjaġġi*

Dawn kienu ż-żewġ xbihat li l-aktar laqtuni fil-poeżija bikrija ta' Mizzi: *il-vjaġġi u l-mużika*. Jekk inħarsu biss lejn il-werrej ta' l-ewwel ktieb, jiġifieri biss lejn l-ismijiet tal-poeżiji, insibu f'din l-ordni: *Santa Sophia—(Istanbul); Arizona; Vesuvju; Fujiyama; Spanja; Vjetnam*. Huwa ċar li dan m'hu itinerarju ta' l-ebda vjaġġ milli jorganizzaw l-aġenziji tat-turisti. Dan il-vjaġġatur—deher ċar—kien miexi fi triq bla tmiem.

Jekk tistaqsih fejn qiegħed, iwieġbek "fit-triq". Jekk tistaqsih "mnejn ġej?", iwieġbek "mit-triq". Jekk tistaqsih "fejn sejjer?", jgħidlek "lejn it-triq". Mhux għal għonq it-triq. Jekk tirrifletti ftit, tiftakar li kien hemm xi ħadd li qal "Jiena huwa t-Triq". Il-vjaġġ ta' Mizzi għandu direzzjoni, għalkemm ma tinstab f'ebda post partikolari f'din id-dinja.

Infatti meta taqra l-poeżija bl-ismijiet ġeografiċi tintebaħ li fihom riferenzi għal postijiet veri—imma li dawn huma biss inċidentali. Mizzi, fil-verità, huwa esploratur ta' spazji sigrieti, ta' gżejjer mistura ġewwa fih, ta' artijiet ġewwenin.

Hekk, il-pajsaġġ li niskopru *fl-Għar ta' l-Enimmi* huwa mimli alluċinazzjonijiet u miraġġi. Niskopru li huwa t-terren li fuqu hemm il-frak imxerred tal-"Jien" tal-kittieb. Il-ħila tal-poeta u l-oriġinalità ta' din il-poeżija hija fil-mod kif tirrifletti dan it-tifrik u dan it-tixrid tal-"Jien" ma' dan it-terren hekk varjat, jiġifieri sewwa sew b'dak l-użu tal-kliem fejn sikwit għandna l-impressjoni ta' palazz jinbena proprju b'ċagħaq mikul mill-baħar ta' l-użu mżewwaq bi kliem ieħor li jleħħ bħal sajjetta minħabba l-istraodinarjetà tiegħu fil-kontest tad-diskors komuni.

*Il-Mużika*

Fil-werrej, barra mil-lista ta' ismijiet topografiċi, insibu lista oħra ta' ismijiet bħal *"Għanja"*, *"Iż-Żifna"*, *"Leit Motif"*, *"Enigma Variations"*. Ma hemmx dubju li l-ħoss mużikali tal-versi huwa ta' l-akbar importanza għal Mizzi, iżda ma naħsibx li imita l-forom mużikali fil-poeżiji tiegħu kif ippruvajt nuri li kien jagħmel Dun Karm.*

Bħal vjaġġ, il-mużika hija simbolu. Bħal vjaġġi, il-mużika tiżvolġi fiż-żmien; imma l-istruttura tagħha hija forsi dik li l-aktar jirnexxilha tagħtina ħjiel ta' l-eternità. Hekk kif il-vjaġġi ta' Mizzi jwassluna biex nagħrfu, permezz tat-tiġrib stess u tat-tibdil, dak li huwa permanenti f'kull ambjent, dak li jibqa' shiħ qalb it-tibdil, hekk ukoll tagħmel il-mużika.

Snin ilu, ippubblikajt kummentarju dettaljat** tal-poeżija *Enigma Variations* li mhux se nirrepetih hawn. Ngħid biss illi f'din il-poeżija jibqgħu r-riferimenti għan-natura u għall-kultura; imma l-punt kollu tagħha—għalija—huwa illi l-"Jien" tal-poeta jogħsfor għal kollox. Il-poeta ma jibqax jiddeskrivi hawnhekk "Jien" maqsum u mifrud fih innifsu f'lotta ġewwenija; għax donnu ġara li l-"Jien" sparixxa fil-vojt bejn iż-żewġ polaritajiet rappreżentati miż-żewġ bċejjeċ ta' din il-poeżija, kif ukoll ma' kważi l-medda kollha tal-poeżija ta' Mizzi: bejn konċentrazzjoni "implossiva" fuq l-individwu lokalizzat u l-"esċentrazzjoni" esplossiva ta' l-enerġija universali.

*Filosofija u Xbihat f'Dun Karm. Taħdita mogħtija fl-Università fl-10 ta' Ottubru 1989.
**Poeżija (1971) Maltese Poetry 1960—1970.

*Is-Snin Sittin*

Dan il-kuntrast bejn forzi opposti li jsallbu u jxejnu il-"Jien" tal-poeta, li nistgħu anki nqisuh il-kruċifissjoni paradigmatika ta' l-artist Malti, nistgħu forsi nidħlu ftit aktar fil-qalba tagħha, billi niftakru ftit l-istorja tas-Snin Sittin.

Huwa perjodu illi, jekk nirriflettu, għandu jgħinna nifhmu sew id-dilemma l-aktar kbira ta' l-artisti Maltin kollha. Is-Snin Sittin kellhom sinifikat wieħed kbir fil-kontest Malti. Kien il-perjodu ta' l-Indipendenza. Imma, jekk inħarsu lejn il-kwadru globali (li fih l-Indipendenza ta' Malta mhix ġrajja ta' importanza deċisiva għall-bqija tad-dinja), naraw li kellhom sinifikat ieħor. Insibu li dawn kienu s-snin li fihom kienu qed jinħmew il-forzi li kellhom jiżbruffaw fir-rivoluzzjonijiet studenteski, u aktar tard fit-terroriżmu tas-snin li t-Taljani saru jsejħulhom "taċ-ċomb".

Liema eki jinstemgħu, min-naħa ta' l-avvenimenti li kienu qegħdin jiġru fil-kamp parrokkjali ta' Malta u, min-naħa l-oħra, tal-ġrajja li kienu qegħdin jiġru mferrxin mad-dinja kollha, fil-poeżija ta' Mizzi? Għall-ewwel jinħassu dgħajfin. Fil-litanija ta' ismijiet ta' pajjiżi li qrajtilkom, naħseb li laqatkom l-isem "*Vjetnam*". L-isem sħiħ tal-poeżija huwa "*Milied, Gwerra, Vjetnam*"; u dan l-isem illum huwa bħala timbru bid-data ta' l-epoka. Iżda jiena naħseb li aktar sinifikattiv huwa l-fatt li hemm dik il-litanija ta' ismijiet ta' pajjiżi li xejn ma kienu qed jissemmew mill-gazzetti f'dawk is-snin. Huma, essenzjalment, l-artijiet imbegħdin, xbihat tad-distakk, tad-distanza.

Waħda mill-aktar affarijiet interessanti fl-*Għar ta' l-Enimmi* hija għalija li dana ngħoddu veru *ktieb* tal-poeżiji. Jiġifieri fih l-*unità*. M'huwiex ġabra ta' versi diversi, ta' kelmtejn taċ-ċirkostanzi li wara ġew miġbura flimkien fi ktieb. Veru li ma hemmx sekwenza lineari minn poeżija għal oħra; imma huwa ktieb bi struttura możajkali, biex nuża kelma li, f'dawk is-snin Marshall McLuhan kien għamilha popolari bħala l-isem ta' stil ta' kitba. Fil-ktieb ta' Mizzi, għandna numru ta' poeżiji kollha qosra, u dan ġa huwa tipiku tal-kitba moderna li qiegħda tirribella kontra l-verbożità tas-seklu li għadda. Hija kollha kitba essenzjali. Il-poeżiji jidhru donnhom *tesserae* stakkati, kull waħda għaliha. B'danakollu, meta tħares lejhom flimkien, tara illi verament toħroġ stampa bħal f'mużajk meta tiddistanzja ruħek minnu. Karatteristika ta' dan il-ktieb, li għandu inqas minn 50 paġna, hija kif joħloq dan il-kwadru unit, b'dan il-metodu ta' bċejjeċ li jidhru distakkati minn xulxin, iżda bil-vojt ta' bejniethom stess jorbothom flimkien u jagħmilhom parti mill-kwadru totali illi jinbena bit-tiswir tal-ktieb kollu kemm hu.

Il-litanija ta' l-ismijiet tal-pajjiżi fiha nnifisha hija diġà xhieda ta' preokkupazzjoni minn taħt dwar l-identità nazzjonali. Hija indizju ta' tħassib dwar post artna, post ġensna fil-familja tal-ġnus; imma hija wkoll xhieda tar-

risposta illi l-poeta qiegħed jagħti għal din ix-xorta ta' mistoqsija-risposta li mhix għajr ir-relativizzazzjoni ta' l-importanza tal-mistoqsija. Naħseb li mill-ktieb *L-Għar ta' l-Enimmi*, meħud kollu kemm hu, joħroġ dan il-messaġġ: dawn il-ġrajjiet storiċi, Maltin jew barranin, ifornu biss libsa differenti għal ġrajjiet aktar profondi li jseħħu fil-bniedem u bejn il-bnedmin, ikun fejn ikun jivvjaġġa kemm jivvjaġġa minn pajjiż għal ieħor.

*Tiżwiq ta' żewġ kulturi*

Naħseb li fin-nisġa stess tal-ktieb hemm rifless ta' dik li kienet il-preokkupazzjoni kbira tal-Maltin f'dan iż-żmien, għalkemm m'hix trattata direttament. Naħseb ukoll fiha rifless xejn inqas qawwi, għalkemm ugwalment moħbi, tal-kultura mondjali tas-Snin Sittin li hija minsuġa wkoll fir-ruħ tal-poeżija ta' Mizzi.

Il-punt li fuqu ridt ninsisti huwa d-distakk li jidher li kien hemm bejn il-kultura Maltija u l-kultura mondjali f'dawk is-snin. Jien kont għamilt sena ngħallem l-Amerka, u meta ġejt lura hawnhekk sibt li ħadd mill-istudenti tal-Filosofija, għalkemm kollha kienu, m'għandhiex xi ngħidu, semgħu b'Mao, ma kien qara l-artiklu famuż tiegħu fuq il-*Kuntrarji Mhux Kuntradittorji*, li kien forsi l-aktar diskuss mill-istudenti li kelli l-Amerka. Ħadd ma kien qara jew sama' b'Marcuse. Kien hemm min kien sema' b'McLuhan, imma ħadd ma kien qara xejn milli kien kiteb. Iktar impressjonanti kien il-fatt li waqt li meta fl-Universitajiet kważi kollha ta' l-Ewropa u l-Amerka kien hemm dawk il-movimenti kollha, l-irvelli li saru llum parti mill-istorja, hawn Malta ma kien hawn lanqas l-iċken ħjiel ta' ċaqliq, wisq anqas ta' rewwixti tax-xorta li kebbsu lil Pariġi fis-'sessantotto' u l-bqija tad-dinja fis-snin minnufiha wara.

Artist tat-tip ta' Mizzi huwa bniedem li jgħix f'dawn il-żewġ kulturi fl-istess mument. Għalhekk, filwaqt li għidt li waħda mit-temi kbar li tidher minn taħt fil-poeżija tiegħu hija dik tad-dijalettika bejn in-nazzjon tiegħek, art twelidek, min-naħa, u l-pajjiżi barranin mill-oħra, jiżvolġi din it-tema bil-mod kif għidt: fuq kollox bix-xbihat tal-vjaġġi u tal-mużika.

Ir-rifless tal-kultura fis-Snin Sittin hija minsuġa aktar fil-fond fir-ruħ tal-poeżija ta' Mizzi. Il-kultura tas-Snin Sittin kienet dominata (kif aċċennajt ftit ilu) mit-tliet Emmijiet—Mao, Marcuse, McLuhan. It-temi l-kbar li Mizzi jiżvolġi madwar ix-xbihat tal-vjaġġi u tal-mużika huma dawk li dawn it-tlieta perrċu f'dawk is-snin u mlew imħuħ iż-żgħażagħ bihom. Kien hemm it-tema Marxista li l-istorja tal-bniedem hija l-kontinwazzjoni ta' l-evoluzzjoni kif fehemha Darwin. Tema oħra li kienet oġġett ta' ħafna riflessjoni kienet dik tal-Bidu, il-kwistjoni tal-Ġenesi tal-Bniedem, kif ukoll ta' l-iżvilupp soċjali u storiku tiegħu. Minbarra l-ideat Freudjani u oħrajn dwar is-sesswalità u ċ-ċentralità tagħha fil-psikoloġija tal-bniedem, imlaqqgħin ma' l-

interpretazzjoni soċjoloġika ta' l-istorja, fl-aħħar mill-aħħar, it-tema l-aktar diskussa fis-Snin Sittin kienet dwar l-impatt tax-xjenza u t-teknoloġija fuq il-kultura ta' żmienna.

Verament, dwar il-kawża tal-kriżi ta' din il-kultura, fil-poeżija ta' Mizzi ma nsibu ebda allużjoni diretta, ebda referenza għall-awturi in voga li semmejt. Imma nsibuh jirrifletti poetikament sewwasew fuq dawn is-suġġetti, l-istess suġġetti illi ttrattaw Mao, Marcuse u McLuhan, imma trattati b'mod verament oriġinali. L-oriġinalità ta' dan il-mod tinsab sewwasew fit-tħaddim straordinarju tal-kelma Maltija u t-tħaddim tax-xbihat, bħal dawk tal-vjaġġi u tal-mużika. B'dan il-mod, Mizzi rnexxielu jagħmel dak li forsi huwa ta' l-akbar diffikultà għall-artist Malti: joħloq opri, kbar jew ċkejknin. li jilħqu żewġ skopijiet—djalogu mal-Maltin u djalogu mal-barranin fl-istess ħin—diffikultà ġejja minn ċerta asinkronija storika bejn Malta u Barra.

*L-Oriġinalità tal-forma*

L-aqwa raġuni ta' l-effikaċja tal-versi ta' Mizzi ġejja mill-manipulazzjoni tiegħu tal-kelma Maltija. Kif għidt, frażijiet mikulin bl-użu, jitqiegħdu f'kuntest fejn, imżewġin ma' kliem modern, kontemporanju, joħolqu dijalettika sorprendenti. U din il-komplessità hija estremament diffiċli biex tittraduċiha u biex tirriproduċiha mhux bil-Malti.

Hija din l-oriġinalità tal-forma illi għamlet lil Mizzi poeta kontemporanju Malti. Fl-aħħar, fih kellna poeta illi pproduċa xogħol kontemporanju konsistenti—mhux xi poeżija 'l hawn u 'l hemm—kif kienu għamlu diġà il-mibki Tabib Mejlaq+ kif ukoll l-aħwa Mifsud Bonnici• u xi ftit jien★ ukoll. Ħadd minna ma pproduċa *ktieb*, ma għamel ħlief tentattivi sporadiċi. Il-pubblikazzjoni ta' l-*Għar ta' l-Enimmi* kienet l-ewwel darba li kellna kittieb Malti, poeta Malti, li pproduċa opra b'lingwa kontemporanja li tappella lil kulħadd, li setgħu japprezzawha dawk li jħobbu l-poeżija klassika Maltija, iżda li nkitbet b'lingwaġġ kontemporanju, mhux dak ta' meta bdiet tinkiteb il-poeżija moderna fl-Ewropa, imma proprju tas-Snin Sittin.

+ *Leħen il-Malti*, April—Diċembru 1952
• *Leħen il-Malti*, 1950 Lulju—Settembru
*Leħen il-Malti*, 1951 Jannar—Marzu
★ *Il-Muża Maltija:* Antoloġija ta' Poeti Maltin, 2ni edizzjoni 1964, Ġużè Aquilina.